Cit Nru:

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# (BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI)

## MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

**CITAZZJONI NUMRU 186/96**

**Illum 15 ta' April, 2002.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**vs**

**TREVOR CAMILLERI**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat u dan talli fil-Kalkara u fi bnadijiet ohra f'dawn il-gzejjer fis-17 ta' Jannar, 1996 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Fil-proceduri 'il-Pulizija vs Silvio Buttigieg' li kien akkuzat talli f'dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina meta ma kienx awtorizzat bil-ligi li jkollu din id-droga, ipprova jikkorrompi lix-xhud Rachel Grima mill-Kalkara, b'theddid rigali jew weghdiet.

b) Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika bil-glied jew b'mod iehor.

c) Talli b'hekk sar ricediv b'sentenzi li saru definittivi datati l-4 ta' Lulju, 1994, 21 ta' Ottubru, 1994, 29 ta' Settembru 1994, 15 ta' Frar, 1996 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u aktar talli kiser il-provvediment tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza li saret definittiva fit-8 ta' Gunju, 1993 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta u aktar talli kiser il-provvediment tal-artikolu 5 tal-Kapitolu

Cit Nru:

152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza li saret definittiva fil-15 ta Frar, 1996 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u aktar talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta fil-15 ta' Frar, 1996).

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol 6 tal-atti) sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura (fol 13 ibid).

Semghet ix-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti mill-prosekuzzjoni.

Rat dak verbalizzzat a fol 122, 130 u 137 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-akkuzi in ezami, Rachel Grima spjegat ( a fol 47 et seq ibid) illi hi kellha tixhed fi proceduri kriminali fil-Qorti kontra certu 'Silvio' imlaqqam 'Iz-Zingla'. Fis-17 ta' April, 1996, cioe **qabel** id-data meta kellha tixhed f'dawn il-proceduri, hi kienet marret f'kazin fil-Kalkara fejn hemmhekk, l-akkuzat l-ewwel qalilha sabiex ma tixhidx kontra l-imsemmi Silvio (Buttigieg). Sussegwentement, 'qabad itini b'idu' u waqaf jaghmel dan meta l-barman tal-lokal qallu biex jieqaf.

Bhala konsegwenza ta' dan, hi kienet qalghet daqqa fuq imnieherha u fuq wiccha. In otlre fl-istess lokal, l-akkuzat kien staqsa lil habiba taghha Daniela Barbara jekk ix-xhud kellhiex flus. L-istess habiba kienet wiegbet fin-negattiv. Sussegwentement l-akkuzat kien mar ukoll ihabbat mal-bieb tar-residenza taghha. Pero missier ix-xhud kien kellem lill-akkuzat u t-tnejn iggieldu bejniethom. Fl-ahhar nett hi qalet li meta kienet telghet il-Qorti, sabiex taghti x-xhieda taghha, fid-data msemmija, 'waqqafni l-ispettur milli nixhed'.

Cit Nru:
Ikkunsidrat

Illi l-imsemmija Daniela Barbara (fol 65 u 68 et seq ibid) meta xehdet, pero, qalet testwalment "insejt jekk ....... kienx hemm argument bejn Rachel Grima u l-akkuzat ..... " u "...... pero ma niftakarx jekk kien hemmx l-akkuzat ..... " (fil-kazin involut).

Illi gie prodott l-imsemmi barman ossija Patrick Grech (fol 70 et seq ibid) u dan ftakar li fil-kazin in kwisjtoni, fid-data hawn fuq specifikata kien hemm kemm Rachel Grima kemm l-akkuzat. U dawn kienu qed jitkellmu bejniethom minghajr ma sema x'kien qed jintqal.

Illi Silvio Buttigieg imlaqqam "Iz-Zingla" (fol 79 et seq ibid) ikkonferma li quddiem il-Qorti kien hemm proceduri kriminali kontra tieghu li fihom xehdet Rachel Grima. In oltre, hu qatt ma kien tkellem mal-akkuzat li jirresiedi vicin tieghu, dwar dawk il-proceduri.

Ikkunsidrat

Illi sintetizzati l-provi tal-prosekuzzjoni, l-akkuzat, da parti tieghu, ma ssottometta ebda prova, avolja nghata l-opportunita sabiex jaghmel dan.

Pero, jinghad minnufih li l-Qorti trid tkun konvinta li l-akkuzat ikkommetta dak addebitat lilu skond l-akkuza in ezami minghajr ma jisussisti dubbju dettat mir-raguni wara li gew meqjusa l-provi mressqin quddiemha.

Illi mill-premess jidher li tressqu tlett xhieda cioe Rachel Grima, il-habiba ta' din Daniela Barbara u l-barman tal-kazin fejn allegatament gara l-incident in ezami. Fuq naha wahda ghandha lil Rachel Grima tirrakonta x'gara waqt l-istess incident, meta allegatament qalghet daqqiet fuq wiccha u imniehirha minghajr ma ngiebet il-prova medika relattiva. Fuq in-naha l-ohra ghandha lil Daniela Barbara tiddikjara li nsiet jekk kienx hemm argument bejn l-akkuzat u Rachel Grima u li ma ftakritx jekk kienx hemm, fil-fatt, l-akkuzat u l-imsemmi barman Patrick Grech jghid li kien ra lill-akkuzat u Rachel Grima jitkellmu bejniethom biss.

Cit Nru:

Illi ghalhekk jidher evidenti li l-provi prodotti huma **<u>insufficjenti</u>** sabiex il-Qorti tkun konvinta li l-akkuzat ikkommetta dak specifikat fl-akkuza in ezami minghajr ma jissussisti dubbju ragonevoli.

Ghal dan il-motivi l-Qorti ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tilliberah mill-istess akkuza.

Alan Calleja
Deputat Registratur Vera Kopja

Ghar-Registratur.